MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 398/2007

**Il-Pulizija**
**(Surg. J. Grima)**
**Vs**

**Marthese Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta' Lulju, 2007 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi w li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqset li taghti l-access tal-minuri Celine Marie Briffa lil Mario Briffa, irrifjutat li taghmel dan minghajr ebda raguni xierqa, w b'hekk kisret kuntratt datat 14 ta' Settembru 2005 quddiem in-Nutar Dottor Reuben Debono.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Novembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 338(II) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannataha ghal xahar (1) prigunerija, sospiz ghal sena (1) ai termini tal-artikolu 28A tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-14 ta’ Novembru, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjaraha mhux hatja w tilliberaha mill-imputazzjoni w htija skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta’ l-istess Mario Briffa seduta stante.

Rat il-verbal registrat li bih il-partijiet qablu illi d-dritt ta’ access li ghandu l-imsemmi Mario Briffa ghat-tifla minuri li hu inpreciz u mhux definit tajjeb fil-kuntratt tas-separazzjoni ghandu minn issa ‘l quddiem jigi regolat kif gej u cioe’ :

Illi Mario Briffa jkollu access ghall-imsemmija minuri darba kull hmistax, nhar ta’ Hadd bejn l-10 ta’ filghodu w l-4 ta’ wara nofs inhar, darba iva w darba le w li b’dan l-arrangament l-istess Mario Briffa ddikjara li jkun sodisfatt u allura ma jibqax jinsisti ghal piena ta’ prigunerija sospiza erogata mill-Ewwel Qorti.

Rat li in vista ta’ dan, l-appellanti rtirat l-aggravji kollha taghha hlief dak li jirrigwarda l-piena.

Rat il-prosekuzzjoni rrimettiet ruhha in vista ta’ l-arrangament li issa ntlahaq.

Tara li ghalhekk f’dan il-kaz hemm lok li jkun hemm temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti fl-interess ta’ l-istess minuri w biex ma jigux esegerbati aktar ir-

relazzjonijiet bejn il-genituri tal-istess minuri li jistghu jkollhom biss rifless hazin fuq l-imsemmija minuri.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha w tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellanti ghal xahar prigunerija sospiza ghal sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, w minflok tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-lum a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------